MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2267/2000/1

**Wayne Vella**

**Vs**

**1. Michelle Vella li b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Ottubru 2000 giet konfermata bhala kuratrici tal-minuri Isaac Vella;**
**2. Kuraturi Deputati biex jidhru ghall-minuri Isaac Vella;**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-30 ta'Mejju 2000 twieled Isaac Vella minn Michelle Vella u dan minn relazzjoni li l-istess Michelle Vella kellha ma' terza persuna;

Premess illi l-attur hu mizzewweg lill-istess Michelle Vella;

Premess illi bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid ta' dan it-tifel il-konvenuta kkomettiet adulterju ma' ragel iehor senajtament ma' Alex Borg u barra minn hekk hemm testijiet u provi genetici u xjentifici li jeskludu l-paternita` ta' Wayne Vella [Section 70(d)];

Premess illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf lit-tifel Isacc Vella;

Premess illi fic-certifikat tat-twelid l-attur hu indikat bhala missier it-tarbija;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li t-tifel Isaac Vella imwieled minn Michelle Vella fl-Isptar San Luqa m'huwiex wild l-attur;

2. Tawtorizza lill-attur jichad lil Isaac Vella imwieled fl-Isptar San Luqa minn Michelle Vella fit-30 ta' Mejju 2000;

3. Tordna li fic-certifikat tat-twelid u f'kull certifikat iehor Isaac Vella imwieled minn Michelle Vella ma jigix indikat bhala iben Wayne Vella u ghalhekk tordna li l-kliem fl-ewwel kolonna Wayne Vella jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf" jew kliem jew isem iehor li jidhrilha xierqa din il-Qorti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-meritu ta’ l-azzjoni ta’ denegata paternita` f’dan l-istadju huwa ma kienx edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi u ghal gudizzju ta’ din il-Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16;

3. Illi wkoll bla pregudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigward dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa’ zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta’ l-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvenuti u ammissibbli skond il-ligi;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, f’kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta’ l-omm;

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid kienu ghal kollox estranei ghall-esponent huwa ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Michelle Vella proprio et nomine li fiha hija eccepiet:

1. Illi kien minnu illi binha minuri Isaac sallum kunjomu Vella mhux il-wild naturali ta’ l-attur u dana kif gie konfermat minn DNA Blood Tests li saru bi ftehim bejn il-partijiet u kif ukoll ikkonfermat mill-kontendenti fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali li gie ppublikat fit-8 ta’ Frar 2001 min-Nutar Peter Fleri Soler, ghaldaqstant l-eccipjenti qed tammetti t-talbiet attrici;

2. Sali kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta proprio et nomine u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-attur kien mizzewweg mal-konvenuta Michelle Vella. Bejniethom fil-mori ta' din il-kawza avverat is-separazzjoni u dan precizament fit-8 ta' Frar 2001 kif hekk dikjarat mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha (fol. 29);

Irrizulta lii fit-30 ta' Mejju 2000 l-imsemmija konvenuta kellha tarbija u allura fis-6 ta' Ottubru 2000 l-attur ipprezenta l-azzjoni tieghu ta' diskonoxximent wara li stabbilixxa li din it-tarbija ma kienetx wild naturali tieghu. Li tfisser alura fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16;

Kif gja rilevat f'bosta decizjonijiet ohra, gjaladarba mix-xorta taghha l-azzjoni hi ntiza biex tattakka l-legittimita tal-minuri, il-Qorti trid toqghod ferm attenta billi, jekk akkolta, it-talba jkollha bhala ezitu taghha l-krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida in sostituzzjoni ta' dik attwali. Effettivament l-akkoljiment tat-talba jwassal biex b'mod retroattiv titrasforma l-istat ta' iben legittimu. U dan jista' jkollu konsegwenzi avversi mhux biss ghan-nukleju familjari izda maggorment ghall-istess minuri;

Minn naha l-ohra dejjem irid jinzamm *in forma mentis* illi ghandu jithares ukoll l-iskop guridiku salutari li ggib l-azzjoni ta' denegata paternita`. Dan ghaliex tali azzjoni, meta gustifikata, telimina l-element incert mahluq biss bil-presunzjoni li r-ragel ta' l-omm huwa missier it-tarbija (Artikolu 67 tal-Kodici Civili);

Kien ilu fil-fatt jinhass il-bzonn, u dan minn bosta senjalazzjonijiet tal-Qrati taghna, *ad exemplum,* "**Gerolama Bussuttil noe -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku et**", Prim' Awla per Imhallef Maurice Caruana Curran, 28 ta' Frar 1977, biex il-ligi taghna in materja ta' filjazzjoni taggorna ruhha u ma tibqax dixxiplinata b'disposizzjonijiet x'aktarx rigidi. Din is-sitwazzjoni nbiddlet bl-emendi legislattivi ntrodotti ghal-Kodici Civili in materja ta' legittimita` u paternita` bl-Att XXI ta' l-1993;

Naturalment biex tirnexxi l-azzjoni t-talba principali trid tinkwadra ruhha f'wahda jew ohra mill-ipotesijiet prevvisti mil-ligi ghall-azzjoni ta' diskonoxximent (Artikolu 70 tal-Kapitolu 16);

Fl-ambitu ta' l-emendi legislattivi, u l-progress fl-izvilupp tal-medicina genetika, issa ghamlu possibbli aktar minn qabel is-success tat-talba. Kif ukoll akkordaw lil gudikant aktar arginar fit-tfassil ta' l-analisi tieghu tal-fatti u r-ragunar dwarhom, ezenti kemm jista' jkun minn dak id-dubju li spiss drabi jikkonfondi lil gudikant f'materji delikati bhal dawk *de quo agitur*;

Kif inhu logiku u mistenni l-Qorti tati piz qawwi l-fatt ta' l-accertamenti genetici billi dawn jikkostitwixxu prova skjaccanti tal-vera qaghda tal-paternita`. Hekk hu l-kaz in ispecie;

Maniftestament ir-rapport tat-testijiet tad-DNA (fol. 6 sa fol 8) jeskludu lill-attur mill-addebitu krejat bl-Att tat-Twelid tal-minuri (fol. 5) li hu l-missier legittimu ta' l-iben minuri Isaac, imwieled mir-relazzjoni ta' ommu, l-konvenuta Michelle Vella, ma' ragel iehor;

Fuq il-bazi ta' din id-dimostrazzjoni, kontemplata f-ipotesi (d) ghall-Artikolu 70(1) tal-Kodici Civili, il-prova tan-non-paternita` ta' l-attur fir-rigward ta'l-imsemmi minuri ghandha tirnexxi;

Il-Qorti taghmel referenza ghar-raba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn issottometta illi f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attur l-frazi "the said" fil-konnotati tal-

konvenuta u omm it-tarbija ghandha tigi mhassra. Tali eccezzjoni fil-fehma tal-qorti ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li t-tifel minuri Isaac imwieled fit-30 ta' Mejju 2000 ma huwiex iben l-attur izda iben missier ignot;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda billi tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni mitluba mill-attur fl-Att tat-Twelid Numru ta' Registrazzjoni 2128/2000 billi tithassar minnu kull referenza ghall-attur bhala missier l-imsemmi minuri u minflok jigi sostitwit bil-kliem "Missier mhux maghruf". Il-konnotati dwar l-omm fejn hemm indikat "*Michelle wife of the said Wayne Vella*" jigu kancellati minnhom il-kliem "*the said*".

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta Michelle Vella.

--------------------------------TMIEM--------------------------------